MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 745/2001/1

**Montaldo Insurance Agency Limited agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Co. kif surrogata fid-drittiijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Zammit, u l-istess Anthony Zammit**

**Vs**

**Alfred Cuschieri**

B'sentenza li nghatat fit-28 ta' Settembru 2007 il-Qorti tal-Appell rriformat sentenza ta' din il-qorti tal-4 ta' Frar 2005 u ddikjarat li *l-incident mertu ta' din il-kawza* ***sehh kemm tort ta' l-attur Anthony Zammit kif ukoll tal-konvenut Alfred Cuschieri fi proporzjonijiet ugwali****, u billi d-danni dovuti lill-atturi ghadhom ma gewx likwidati u anke b'rispett lejn il-principju tad-doppio ezame tirrimetti l-kawza quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza sabiex dik il-*

*Qorti tillikwida d-danni dovuti kemm lis-socjeta Montaldo Insurance Agency Ltd kif ukoll id-danni dovuti lill-attur Anthony Zammit u tghaddi ghal kundanna tal-konvenut konformement ma‘ dak li gie dispost hawn fuq. L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll ta‘ dan l-appell ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti, billi l-atturi solidalment bejniethom jhallsu nofs l-ispejjez dovuti sal-lum*.

Il-kawza tittratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta‘ April 1999 fil-Coast Road, Bahar ic-Caghaq. Dakinhar il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura DAN-157 u l-attur mutur XXX-001.

Fis-seduta tal-20 ta‘ Gunju 2008 id-difensuri tal-partijiet kienu ddikjaraw li kull parti kienet giet regolarment notifikata bl-avviz ta‘ smiegh wara li l-kawza kienet giet rinvjata quddiem din il-qorti. F’dik l-istess seduta l-qorti, fuq talba tad-difensur tal-konvenut, kienet hatret lil Mr Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku li pprezenta rapport fl-1 ta‘ Settembru 2008 u rrelata li Zammit qieghed isofri minn debilita permanenti ta‘ 8%. Ghalkemm fid-9 ta‘ Dicembru 2008 il-konvenut ipprezenta nota ghall-hatra ta‘ periti addizzjonali, fil-15 ta‘ Jannar 2009 talab iktar zmien biex jezamina r-rapport. Ghalhekk hu altru milli evidenti li n-nota li pprezenta fid-9 ta‘ Dicembru 2008 kienet mizura prekawzjonali sabiex ma jiehux riskju li jghaddi t-terminu perentorju u b’hekk ikun tilef l-opportunita li l-kaz jigi ezaminat minn periti addizzjonali f’kaz li jhoss il-bzonn. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut baqa‘ jinsisti fuq it-talba.

Mill-atti jirrizulta wkoll li kien hemm zmien (bejn is-seduti tal-20 ta‘ Marzu 2009 u l-10 ta‘ Novembru 2009) fejn il-kawza kienet qeghda tigi differita sabiex il-partijiet jipprovaw jiftehemu. Pero jidher li baqghu ma ftehemux. Fis-seduta tad-19 ta‘ Settembru 2011 il-qorti kienet iddiferiet il-kawza ghas-seduta tal-4 ta‘ Novembru 2011 sabiex jinghalaq il-gbir tal-provi. Dakinhar kienet prezenti biss id-difensur tal-atturi li pprezentat nota b’dokumenti, u l-qorti ghaddiet biex tiddikjara maghluq is-smiegh tal-provi.

Id-danni huma s-segwenti:-

i. **Damnum Emergens** – Jirrizulta li l-mutur li kien qieghed isuq l-attur gie ddikjarat li hu *beyond economical repair*. Kien sar survey minn John Callus fl-10 ta‘ April

1999 u li kkonferma li fil-fehma tieghu l-mutur Honda CBR 1100 li kien qieghed isuq l-attur, ma setax jissewwa. Ikkonferma li l-mutur kien ilu sentejn fuq it-triq u kellu cirka 11,000 kilometru. Qal ukoll li ghamel stima ta‘ Lm5,300 u dak li kien fadal mill-mutur kien stmah Lm400 (ara deposizzjoni 4 ta‘ Gunju 2002). Il-qorti qeghda tillikwida wkoll is-somma ta‘ Lm8 (€18.63) ghal survey report wiehed.

L-attrici hallset lill-assigurat (l-attur) is-somma ta‘ Lm4875 (€11,355.70) u giet surrogata fid-drittijiet tieghu (ara dikjarazzjoni ffirmata fit-3 ta’ Gunju 1999 – Dok. MIAL2).
Mill-attti jirrizulta li l-attur hallas Lm25 excess, Lm80 rapport mediku, Lm50 visti ghand it-tobba (fol. 41 u kopja ta’ ricevuti esebiti), b’kollox Lm155 (€361)
F’nota li pprezenta fl-20 ta’ Frar 2004 l-attur Zammit ipprezenta wkoll zewg prospetti ta’ dhul ghal overtime li jghid li tilef, Hdud u Festi u Court Duty, ghalkemm ma tax xhieda dwarhom. Mid-dokumenti a fol. 157 jirrizulta li l-attur kien jithallas ghal *overtime*. Skond ir-rapport ta’ Mr Carmel Grixti, wara l-incident l-attur kien beda jahdem (*light duties*) fil-25 ta’ Lulju 1999 u rritorna lura ghal *full duties* f’Ottubru 1999. Fatti li ma gewx kontestati. Mill-FSS li pprezenta jirrizulta li fl-1998 l-attur thallas Lm180.58 filwaqt li fis-sena 1999 thallas Lm166. Mill-prospett li pprezenta jidher li qieghed jippretendi hlas ghall-perjodu mill-4 ta’ April 1999 sas-27 ta’ Gunju 1999 ghal hlas extra li kien tilef peress li kien fuq sick leave u ghalhekk ma setax jahdem il-Hdud u l-festi, granet li fihom jidher li kien jithallas iktar. Hu fatt maghruf li min jahdem il-Hdud u l-festi jircievi hlas extra. F’dan il-kuntest l-attur qieghed jippretendi s-somma ta’ Lm197 (€459) li fil-fehma tal-qorti hi cifra ragonevoli. Ghalhekk minkejja li l-attur ma xehedx dwar dawn id-danni, ser jigu kkunsidrati fil-hlas li jrid isir mill-konvenut. Mhux l-istess jinghad fir-rigward ta’ dak li jirreferi ghalih bhala Court Duty. Fil-fehma tal-qorti l-attur kellu obbligu li jixhed dwarhom u jressaq provi dwar dawn id-danni li qieghed jippretendi.
ii. **Lucrum Cessans** – Fiz-zmien li sehh l-incident l-attur kien kuntistabbli (PC 228). Jirrizulta li kellu 19 il-sena u salarju gross ta’ Lm4212 fis-sena li fih sehh l-incident

meritu tal-kawza (Dok. TZ2). Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq meddha ta’ 38 sena, u mhux ser tnaqqas 20% ghal lump sum payment gialadarba mid-data tal-prezentata tal-kawza (30 ta’ April 2001) ghaddew kwazi 11 il-sena. Ghalhekk id-danni ghall-griehi permanenti li sofra huma :-

**Lm4,212 x 38 sena x 8% = Lm12,804 (€29,825).**

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil :-**

**1. Montaldo Insurance Agency Ltd is-somma ta’ hamest elef sitt mija u sebgha u tmenin ewro (€5,687), bl-imghax mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (28 ta’ Settembru 2007).**

**2. Anthony Zammit is-somma ta’ hmistax-il elf tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€15,322.50) bl-imghax mil-lum gialadarba dawn id-danni qeghdin jigu likwidati llum.**

**Spejjez, mhux inkluzi dawk li dwarhom diga’ nghatat sentenza, jinqasmu min-nofs bejn il-kontendenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------